# Il-Programm għall-Edukazzjoni Reliġjuża għat-Tielet Sena tal-Primarja

## KAP 8 – TA' MADWARI

| | | |
|---|---|---|
| L-Objettiv: | Il-Lingwa Reliġjuża | |
| 8.1 | Ferħanin li nkunu flimkien | 8.1 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jifhmu xi jfisser il-kelma 'il-ferħ veru' (permezz ta' eżempju konkreti);<br>2. jiddiskutu l-fatt li dak li jitgħallmu jgħinhom jikbru;<br>3. janalizzaw l-element tal-ferħ li jħossu meta jikbru sew u allura meta jgħixu skont dak li jemmnu fih. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Meta nħobbu, napprezzaw, naħfru u ngħinu nkunu kuntenti ħafna.<br>2. Meta nużaw it-talenti li tana Alla sew aħna nistgħu nkunu kuntenti ħafna.<br>3. L-affarijiet li nixtru bil-flus m'humiex l-iktar ħaġa importanti biex inkunu ferħanin. | |
| L-Attitudni | It-tfal japprezza dak li Ġesù pprovdielhom. It-tfal juru li għalkemm żgħar jifhmu li l-ferħ ma jinxtarax bil-flus iżda ħafna drabi huma affarijiet żgħar li aħna nistgħu nagħmlu matul ħajjitna kollha bħal: naħfru u ngħinu fost l-oħrajn | |
| | | |
| 8.2 | Salvani | 8.2 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. jisimgħu stejjer differenti u jissuġġerixxu soluzzjonijiet varji għal stejjer | |

| | | |
|---|---|---|
| | differenti ta' kif jistgħu jgħixu aktar ferħanin f'mumenti diffiċli;<br>2. jaraw kif fil-ħajja kollha kemm aħna rridu nbatu kultant biex ingawdu;<br>3. jżommu f'moħħhom li fil-ħajja qatt m'għandhom jaqtgħu qalbhom;<br>4. jisimgħu l-miraklu tat-tempesta u kif Ġesù għenhom. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Huwa parti mill-ħajja li kultant irridu nbatu biex wara nkunu ferħanin.<br>2. Hemm ħafna lejn min iduru f'mumenti diffiċli.<br>3. Biex nirnexxu ma rridu naqtgħu qalbna qatt.<br>4. Ġesu kien rieqed fid-dgħajsa meta qam maltemp kbir.<br>5. L-appostli qajmu lil Ġesù għax kienu qed jibżgħu ħafna.<br>6. Ġesù qam u sikket il-baħar u kollox reġa' kkalma. | |
| **L-Attitudni** | It-tfal jiftakru li f'ħajjithom hemm ħafna nies li lesti li jgħinuhom. Anke Ġesù, qabel kulħadd, jistenniena li nersqu lejh. It-tfal ifittxu nies li jgħinuhom u jitolbu lil Ġesù jgħinhom. | |
| | | |
| **8.3** | **Inħares ftit 'il bogħod minni** | **8.3** |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. jifhmu xi jfisser il-ferħ veru;<br>2. jiddiskutu l-fatt li dak li jitgħallmu jgħinhom jikbru;<br>3. janalizzaw l-element tal-ferħ li jħossu meta jikbru sew u allura meta jgħixu skont dak li jemmnu fih;<br>4. jagħrfu jaraw it-tbatijiet tal-oħrajn u kif jistgħu jgħinuhom. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. L-iktar affarijiet importanti f'ħajjitna huma b'xejn. | |

| | | |
|---|---|---|
| | 2. Li jgħodd mhux kemm għadna affarijiet imma kemm aħna kapaċi napprezzaw dak li għandna.<br>3. Alla jaħseb f'kulħadd u kulħadd għandu xi ħaġa biex jifraħ.<br>4. Nagħtu kas ta' dak li qed jiġri madwarna.<br>5. Naraw kif nistgħu ngħinu lil dawk li narawhom ibatu. | |
| L-Attitudni | It-tfal juru apprezzament lejn dak kollu li għandhom. Jaraw lil min jistgħu jgħinu. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Id-Dimensjoni Spiritwali** | |
| **8.4** | **Min qed jgħinna nikbru?** | **8.4** |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. jitgħallmu xi tfisser li turi apprezzament;<br>2. janalizzaw b'mod konkret l-apprezzament lejn min jieħu ħsiebhom (l-għalliema, il-ġenituri...).<br>3. japprezzaw dak li jagħmlu għalihom ta' madwarhom b'mod partikolari għall-affarijiet li ma jinxtrawx bil-flus. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Irridu napprezzaw l-affarijiet sbieħ li jagħmlu għalina n-nies ta' madwarna.<br>2. Biex turi apprezzament m'għandekx bżonn toqgħod tixtri r-rigali imma b'sempliċiment 'Grazzi'.<br>3. Nagħtu l-għajnuna tagħna tkun qed tagħmel ġest sabiħ. | |
| L-Attitudni | It-tfal juru apprezzament lejn dak kollu li għandhom u lejn dak kollu li jagħmel ħaddieħor magħhom. | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 8.5 | Id-drittijiet u d-dmirijiet | 8.5 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. jiddistingwu bejn dmirijiet u drittijiet;<br>2. jaraw kif it-tnejn huma importanti sabiex inkunu kuntenti f'ħajjitna. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Li aħna mhux biss għandna d-drittijiet li rridu nirrispettaw iżda wkoll id-dmirijiet sabiex kulħadd jgħix aktar kuntent. | |
| L-Attitudni | Li aħna mhux biss għandna d-drittijiet li rridu nirrispettaw iżda wkoll id-dmirijiet sabiex kulħadd jgħix aktar kuntent. | |
| | | |
| L-Objettiv | Il-Kelma t'Alla | |
| 8.6 | X'irid minna Ġesu; | 8.6 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. jsiru jafu dwar il-Beatitudnijiet, sentenza illi qalilna Ġesù dwar il-ferħ.<br>2. jitgħallmu t-tifsira ta' ftit mill-Beatitudnijiet.<br>3. jiddiskutu l-beatitudnijiet/versi differenti permezz ta' eżempji konkreti u ser ikunu jafu kif jistgħu japplikkawhom f'ħajjithom | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>- Ma' Ġesu' aħna dejjem ferħanin<br>- Gesu qalilna: Henjin dawk li jġibu l-paċi għax huma jissejħu wlied Alla | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| L-Attitudni | It-tfal jaħdmu biex jgħinu, iżommu l-paċi u jagħmlu dak li jixtieq minnhomm Alla. Dan iwassal biex huma jkunu aktar ferħanin. | |
| | | |
| 8.7 | **Inħennu għall-oħrajn** | 8.7 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. jifhmu aħjar t-tifsira wara l-kelma 'tħenn';<br>2. jaraw atti ta' ħniena differenti u r-riżultat wara li wieħed jagħmel dan;<br>3. jkunu jafu kif jistgħu jħennu u jgħinu lil min hu fil-bżonn. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Meta tħenn tassew tfisser li inti tkun qed tgħin minn qalbek u allura tbati biex tagħmel dan u ma tistenna xejn lura. | |
| L-Attitudni | It-tfal juru li qegħdin jgħinu mill-qalb u ma jistennew xejn lura. Huma xorta jkunu ferħanin ħafna li qegħdin jagħmlu dan. | |
| | | |
| 8.8 | **Inħenn u naħfer** | |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. jirrevedu xi tfisser 'ħniena';<br>2. jifhmu li meta taħfer tkun qed tħenn u dan iridu Ġesù;<br>3. jifhmu li permezz tad-dnub huma ma jkunux qed jagħmlu dak li jgħidilhom Ġesù;<br>4. jifhmu li meta jagħmlu dak li hemm bżonn iħossuhom ferħanin;<br>5. jifhmu li meta ma jagħmlux dak li hemm bżonn iħossuhom imdejqin. | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Il-maħfra twassal għal aktar ferħ.<br>2. L-imħabba tilgħab parti importanti f'ħajjitna mal-proxxmu kollu.<br>3. Meta aħna nħennu għall-oħrajn, Alla żgur iħenn għalina. | |
| L-Attitudni | It-tfal juru li kapċi jħobbu ujaħfru lil xulxin.<br>Huma jkunu kapċi li jagħżlu dak li huwa sewwa. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Il-Ħarsa Personali tad-Dinja Kattolika** | |
| **8.9** | **Għandna bżonn lil xulxin** | **8.8** |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. jifhmu l-importanza li ngħinu lil xulxin;<br>2. jitgħallmu li meta jgħinu lil ħaddieħor dan għandhom jagħmluh mill-qalb u mhux biex nintgħoġbu;<br>3. jilagħbu logħba f'tim li biha jifhmu aħjar l-importanza ta' 'teamwork'; jifhmu li meta jagħmlu dak li hemm bżonn, iħossuhom ferħanin. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. B'azzjonijiet sempliċi (nobdi, ngħin...) aħna nistgħu nferrħu lil dawk ta' madwarhom.<br>2. Meta naħdmu flimkien jirnexxilma naħdmu u nsiru aħjar. | |
| L-Attitudni | It-tfal jagħmlu azzjonijiet sempliċi e.ż. jgħinu, jobdu... | |
| | | |

| 8.10 | Nifirħu flimkien | |
|---|---|---|
| L-Għanijiet | It-tfal:<br>1. jifirħu flimkien u japprezzaw aktar lil xulxin;<br>2. jiktbu messaġġi sbieħ lil xulxin;<br>3. jagħtu suġġerimenti ta' kif wieħed jista' jkun aktar kuntent. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. L-imħabba ġġib il-ferħ.<br>2. Fejn hemm l-għaqda hemm il-paċi u l-imħabba.<br>3. Meta nħarsu lejn dak kollu li għandna tajjeb inkunu nistgħu napprezzaw aktar lil xulxin. | |
| L-Attitudni | It-tfal juru li b'għaqal kbir qegħdin japprezzaw il-ħajja ta' madwarhom. Juru li jafu jagħmlu differenza, anke fiċ-ċokon tagħhom, dwar dawk l-affarijiet importanti fil-ħajja - il-familja, l-mħabba, l- apprezzament, il-ħbiberija, fost l-oħrajn. | |
| | | |